MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2001/2001/1

**Victor u Saverina konjuġi CASSAR**

**vs**

**HSBC BANK (MALTA) p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta’ Ġunju, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi fit-12 ta' Lulju 1999, għall-ħabta tal-10.15 a.m., waqt li l-attur Victor Cassar, fuq inkariku tal-bank konvenut li miegħu kien impjegat, kien jinsab, flimkien ma' persuni oħra, ġio van tas-sigurta' li wassal flus destinati għall-fergħa ta' Bormla tal-bank konvenut li temporanjament kien qed jopera mill-Kazin tal-Banda San Gorg, l-imsemi van kien l-oġġett ta' hold-up fejn kienu sparati diversi tiri ta' arma tan-nar fosthom tir li kien sparat lejn il-ħġieġ *bullet proof* tat-tieqa tal-istess van, u fejn in segwitu

wieħed mill-ħallelin safa' milqut u maqtul minn membru tal-korp tal-pulizija li kien fuq il- post;

Illi dan it-tentattiv ta' hold-up ikkaġuna ħsara psikologika u mentali gravi u debilitanti fuq l-attur Victor Cassar li wasslet sabiex l-istess Victor Cassar jirtira mill-impieġ tiegħu minn mas-soċjeta' konvenuta qabel iż-żmien fuq l-iskorta ta' pariri tat-tobba inkluzi dawk inkarikati mill-bank konvenut stess;

Illi konsegwenza ta' dan il-fatt, l-atturi ġarrbu danni li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għad-danni konsegwenzjali li garrbu l-atturi kienet taħti unikament is-soċjeta' konvenuta meta, bħala employer tal-attur Victor Cassar, naqset skond il-liġi milli tizgura li jittieħdu dawk il-mizuri u prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex il-post tax-xogħol taħt il-kontroll tagħha jkun ħieles minn kull periklu għas-saħħa u s-sigurta', safejn huwa raġonevolment prattiku;

Illi l-istess bank konvenut wera imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti fil-konfront tal-attur Victor Cassar fl-eserċizzju tad-dmirijiet tiegħu bħala employer tiegħu meta naqas skond il-liġi mili jizgura li l-post tax-xogħol ikun ħieles minn sogri bla bzonn għas-saħħa u minn perikli li jistgħu jiġu evitati għall-inkolumita' fizika u psikologia tal-istess Victor Cassar;

Illi s-soċjeta' konvenuta - interpellata biex tagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-atturi - baqgħet inadempjenti;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta unikament responsabbli għad-danni li garrbu l-atturi konsegwenza tal-ħsara psikologika u mentali li sofra l-attur Victor Cassar fil-hold-up fuq riferita meta, bħala employer tal-attur Victor Cassar, is-soċjeta' konvenuta naqset milli tizgura li jittieħdu dawk il-mizuri u prekawzjonijiet raġonevoli kollha

sabiex il-post tax-xogħol taħt il-kontroll tagħha jkun ħieles minn kull periklu għas-saħħa u s-sigurta tiegħu bħala impjegat tagħha, safejn huwa raġonevolment prattiku, kif ukoll meta naqset milli tizgura li l-post tax-xgħol ikun ħieles minn sogri bla bzonn għas-saħħa u minn perikli li setgħu jiġu evitati għall-inkolumita' fizika u psikologika tal-istess attur Victor Cassar;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna li s-soċjeta' konvenuta tħallas lill-atturi dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilhom in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu 200l u bl-imgħax legali kontrra s-soċjeta' konvenuta li hija inġunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fil-11 t'Ottubru, 2001, li biha l-Bank imħarrek eċċepixxa:

Illi preliminarjament il-ġudizzju mhuwiex integru stante li min wettaq il-"Hold Up" jew l-eredi tiegħu mhumiex ċitati fil-ġudizzju;

Illi subordinatament, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ebda responsabbilita għas-serq akkadut u għall-allegali danni konsegwenzjali ma hija imputabbli lejn l-istess Bank. Semmai kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-Bank konvenut ha l-mizuri ta' sigurta kollha u neċessarji sabiex jipprotreġi l-impjegati tiegħu fuq il-post tax-xogħol;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, mhuwiex minu illi l-attur Victor Cassar qed ibagħti min xi disabilita fizika jew mentali ta' natura permanenti konsegwenża ta' dan l-

inċident. Dan nonostante, il-Bank xorta kien dispost li joffri impjieg alternattiv gewwa uffiċċju fejn ma jgħaddux flus mill-idejn iżda l-attur xorta ma accettax din il proposta mingħajr ebda raguni valida.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank imħarrek;

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-18 t'April, 2002, u tas-27 ta' Ġunju, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Bank imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni. L-attur kien impjegat mal-Bank imħarrek u, waqt li kien qiegħed fuq xogħol mal-istess Bank fit-12 ta' Lulju, 1999, f'Bormla, seħħet *hold-up* fuq il-vettura li fiha kien riekeb. B'effett ta' hekk, l-attur baqa' jbati minn dik l-esperjenza sakemm kellu jħalli x-xogħol fuq parir mediku. Għalhekk, qiegħed jitlob li l-Bank jinstab responsabbli għal dak li huwa ġarrab, u li jħallsu kumpens xieraq;
Illi għal din l-azzjoni l-Bank imħarrek laqa' billi qiegħed jgħid li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex messhom tħarrku wkoll dawk li wettqu t-tentat *hold-up.* Laqa' wkoll billi qiegħed jgħid li hu ħal-miżuri kollha meħtieġa għall-ħarsien tal-impjegati tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Minbarra f'hekk, jiċħad li l-attur qiegħed ibati minn xi ħsara fiżika jew tal-moħħ kawżati minn dak l-inċident;

Illi din is-sentenza qegħda tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank imħarrek dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ;

Illi biex isaħħaħ l-eċċezzjoni tiegħu, l-abbli difensur tal-Bank imħarrek issottometta li ma jistax ikun li l-azzjoni attriċi tirnexxi jekk kemm-il darba ma jitħarrkux ukoll dawk il-persuni li wettqu l-għamil li, minħabba fih, l-atturi jgħidu li ġarrbu l-ħsara. Iżid jgħid li l-Bank imħarrek ma ħa l-ebda sehem fil-*hold-up* imma kien hu wkoll vittma tagħha. Temm jgħid li l-preżenza ta' l-imsemmija persuni fil-kawża hija meħtieġa <u>qabel</u> ma jista' jsir xi addebitu ta' responsabbilta' fuq il-Bank bħala prinċipal tal-attur;

Illi, min-naħa tiegħu, l-abbli difensur tal-atturi ma qabel xejn mas-sottomissjonijiet tal-Bank, għaliex tenna li l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda msejsa fuq danni naxxenti minn delitt (sejħilha "*general action in tort*"), imma fuq dmirijiet li l-Bank imħarrek għandu bħala prinċipal taħt liġijiet speċjali li bihom hu marbut li jħares is-saħħa tal-ħaddiema tiegħu f'kull waqt tat-twettiq tax-xogħol tagħhom[1]. Fi kliem ieħor, l-atturi qegħdin iressqu t-talba tagħhom fuq nuqqas ta' ħarsien ta' obbligi kuntrattwali min-naħa tal-Bank imħarrek. Dan in-nuqqas jew ksur tar-rabtiet kuntrattwali jagħti lok għal azzjoni partiklari kontra l-imgħallem u kontra ħadd ieħor. Huwa seħaq ukoll li m'huwiex kontestat li l-episodju seħħ f'post tax-xogħol tal-attur (għalkemm dak inhar dak il-post kien qiegħed iservi bħala fergħa temporanja tal-Bank) waqt li l-attur kien qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu ta' impjegat tal-Bank innifsu;

Illi dwar in-<u>natura u t-tifsira tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju</u>, ingħad b'awtorita' li din hija eċċezzjoni li trid tiġi deċiża billi wieħed għandu jħares biss lejn l-att promotorju u d-data tal-preżentata tiegħu, indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra[2]. Eċċezzjoni ta' din il-għamla, jekk tirriżulta mistħoqqa, għandha l-effett li teħles lill-eċċipjenti milli jibqa' iżjed fil-kawża;

Illi din l-eċċezzjoni hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet: u jiġifieri (a) li għall-aħjar ġudizzju tal-

---

[1] Huma jirreferu g]all-artt. 3 u 9 tal-Kap 367 b]ala l-ba\i tal-azzjoni tag]hom

[2] App. ~iv. **15.1.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra deDomenico et vs |ahra deDomenico***

Qorti, huwa xieraq li dawk kollha li għandhom interess fi kwestjoni għandhom ikunu fil-kawża; (b) li d-dħul ta' kull min għandu interess jagħmel il-ġudizzju iżjed effikaċi, għaliex min mhux fil-ġudizzju mhux marbut bih[3]; u (ċ) jnaqqas il-ħtieġa li jridu jingħataw għadd ta' sentenzi fuq l-istess każ. Minbarra dan, jibqa' dejjem ewlieni fil-konsiderazzjonijiet tal-Qrati li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju ma twassalx għan-nullita' tal-proċediment jekk kemm-il darba l-kawża tkun infetħet kontra persuna li kienet leġittimu kontradittur tal-attur, imma mhix l-unika waħda, u dak il-ġudizzju jkun sostenibbli[4] u meta dik l-integrita' tista' tintlaħaq billi wieħed jirrikorri għall-modi proċedurali li huma permessi mil-liġi[5];

Illi, f'każ bħal dan, il-Qorti tista' biss tapplika xi wieħed mill-imsemmija modi proċedurali, imma mhux li teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, ladarba dik il-persuna tħarrket sewwa[6];

Illi, fil-każ preżenti, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li fid-dawl tal-kawżali kif imfassla fl-att taċ-ċitazzjoni, il-Bank ġie mħarrek sewwa. Kemm hu hekk, il-Bank ma qalx li hu m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-attur. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, ma jistax jinħeles milli jibqa' iżjed fil-kawża. Minbarra dan, dejjem skond l-istess kawżali kif imressqa, hu l-Bank biss (fil-kwalita' tiegħu ta' prinċipal) li jista' jiġi addebitat bl-għamla ta' responsabbilta' għall-ħarsien ta' saħħet l-impjegati tiegħu fit-twettiq ta' ħidmiethom, bħalma qegħdin jixluh l-atturi. Il-persuni li ħadu sehem fil-*hold-up* ma jistgħu qatt iwieġbu għal dik l-għamla ta' responsabbilta'. Jistgħu jwieġbu għal responsabbiltajiet oħrajn, imma ċertament mhux dawk imnisslin mir-rabta kuntrattwali tal-impieg;

---

[3] Art. 237 tal-Kap 12

[4] Ara App. ~iv. **28.1.2000** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Bor[ et vs F. Vassallo noe***, b'kuntrast u fil-limiti ta' App. ~iv. **4.12.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.B. Tabone et vs L. Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1188**)

[5] Per e\empju, ta]t l-artikolu 175(1), 960 jew 961 tal-Kap12

[6] Ara P.A. **3.10.1964** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Mifsud vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1161**)

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-Bank imħarrek għandha mis-sewwa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-Bank imħarrek, bl-ispejjeż kontrih, tiddikjara li l-ġudizzju huwa sħiħ, u l-kawża tista' tkompli bis-smigħ tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 ta' Novembru, 2002**